# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 41/2020: **JJ SCERRI CO LIMITED (C19742) V. MARIO FALZON (KI. 515972M)**

(TPAĊIJA – BEJGĦ ON CONSIGNMENT – RIDUZZJONI FIS-SORTE)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' April 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' JJ Scerri Co. Limited[1] ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fil-11 ta' Marzu 2020 li permezz tiegħu talbet lil Mario Falzon ("l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid l-għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

> tħallas, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, is-somma ta' tnax-il elf hames mija sebgha u sittin Euro u erba centezmi (€12,567.04) rappresentanti l-prezz ta' appliances mibjugha u kkonsenjati mir-rikorrenti lilek fuq inkarigu tieghek stess u taxxa fuq il-valur mizjud relattiva. Dawn l-appliances kienu mibjugha lilek on consignment izda sussegwentement inti beghtom lil terzi, u nonostante diversi interpellazzjonijiet da parti tal-esponenti sabiex thallas l-imsemmi ammont, anke permezz ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 2018, inti bqajt inadempjenti. Bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kollha tal-presenti, tal-ittra ufficjali precitata u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-presenti. Kollox kontra tiegħek, li minn issa inti nġunt għas-subizzjoni.

---

[1] Fol 1

wara li rat ir-risposta tal-intimat[2] ppreżentata fit-8 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha laqa' għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Illi qabel xejn is-socjeta' attrici ghandha tesibixxi lista bid-dettalji kollha relattivi ta' dawk l-appliances li skond huma kienu gew konsenjati lill-esponenti u dan bieghhom lil terzi persuni kif jinghad fl-Avviz promotorju. Minhabba nuqqas ta' nformazzjoni l-eccipjient qed jirrizerva d-dritt li jipprezenta Risposta ulterjuri wara li jiehu konjizzjoni tal-lista ta' l-appliances li l-prezz taghhom qed jigi reklamat.

2. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha dana peress:

   (i) Illi l-appliances kienu gew konsenjati "on consignment";

   (ii) Illi minn dawk l-appliances konsenjati "on consignment" is-socjeta' rikorrenti kienet hadet lura certi appliances li ma kienux inbieghaw, u ghad fadal fis-showroom is-segwenti appliances b'valuri ukoll hawn taht indikati, b'valur totali ta' €3,439.08c, vat inkluz:

   - 2 x HBOB (valur €280).
   - Forn u Mircrowave Simplicity u HOB (Valur 1,698.47c).
   - Built-in Refrigerator (Valur €461.29c).
   - Built-in Refrigerator (Valur €544.32c).
   - HOB Gorenje stainless steel (Valur €155).
   - Oven Goenje (Valur €300)

   (iii) illi Michael Scerri, rapprezentant tas-socjeta' attrici, kien ta lill-esponent "payment terms" ghal dawk l-appliances li jinbieghaw billi dak dovut jigi pacut ma' ammont ekwivalenti ghal xoghol ta' appalt ta' "internal and external finishings" li l-eccipjient gie nkarigat jezegwixxi fil-villa bla isem fi Triq Jean Houel, Birguma, limiti tan-Naxxar, proprjeta' ta' l-istess Michael Scerri u Doreen Scerri direttrici tas-socjeta' attrici. Fil-fatt, f'almenu zewg okkazzjonijiet il-kontendenti skambjaw ricevuti ta' appliances mibjugha ma' ammonti ekwivalenti tax-xoghol ezegwit fil-villa msemmija.

3. Fi kwalunkw kaz u assolutament bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa ferm aktar inferjuri minn dak reklamat.

4. Salv risposta ulterjuri skond il-ligi.

---

[2] Fol 13-14

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali inkluż numru ta' *affidavits* li ġew ippreżentati

wara li rat in-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet finali magħmula:

- għan-nom tar-rikorrenti mill-Avukat Dr. Andrew Sciberras[3], u
- għan-nom tal-intimat mill-Avukat Dr. Henry Antoncich[4]

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Il-kawża tikkonċerna ammont ta' **<u>€ 11,031.25</u>** inkluż il-VAT (u mhux kif oriġinalment mitlub fir-rikors promotur € 12,567.04) li l-kumpanija rikorrenti tgħid li għandha tieħu mill-intimat rappreżentanti l-prezz ta' *appliances* kkonsenjati lilu fuq bażi magħrufa komunament bħala *on consignment*, liema *appliances* huwa sussegwentement biegħ lil terzi persuni.

2. L-intimat jiċħad li għandu jagħti dak l-ammont. Fis-suċċint id-difiża tiegħu fil-mertu hija illi:

    1. Fis-*showroom* tiegħu qed baqa' *appliances* li r-rikorrenti baqgħet ma ġabritx mingħandu liema *appliances* jammontaw fil-valur tagħhom għall-ammont totali ta' € 3,439.08 (bil-VAT inkluż).
    2. Rappreżentant tar-rikorrenti (Michael Scerri) kien laħaq ftehim miegħu illi l-prezz ta' dawk l-*appliances* li jinbiegħu mill-intimat jiġi paċut ma' ammont ekwivalenti għal xogħol ta' appalt (*internal and external finishings*) li l-istess intimat ġie ingaġġat iwettaq fil-villa ta' Michael Scerri u martu Doreen Scerri ġewwa l-Birguma.
    3. Fi kwalunkwe każ l-ammont verament dovut huwa ferm inqas minn dak mitlub.

3. Fl-affidavit tagħha **<u>Doreen Scerri</u>**[5], xehdet illi hija direttur u azzjonista maġġoritarja (80%) tal-kumpanija rikorrenti. Fuq dan il-punt xehdet ukoll *viva voce* fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2021[6] u spjegat illi ż-żewġ diretturi l-oħra huma t-tfal tagħha Jean

---

[3] Fol 130-139
[4] Fol 142-145
[5] Fol 22-62
[6] Fol 82D wara

Pierre u Jacques Scerri li inoltre għandhom 10% ishma kull wieħed fil-kumpanija. Żewġha Michael Scerri la huwa direttur u lanqas azzjonist fl-istess kumpanija.

4. Lura għall-affidavit tagħha, Doreen Scerri spjegat illi r-rikorrenti qegħda fin-negozju ta' *importers, wholesalers and retailers* ta' *white goods, airconditions* u *solar water heaters* inkluż l-installazzjoni tagħhom u topera primarjament mill-ħanut bl-isem ta' *Centro Casalinga.* Fil-bidu tal-2013 l-intimat kien avviċina lir-rikorrenti sabiex tagħmillu *servicing* ta' *aircondition units* ġewwa s-*showroom* mikrija lilu fl-Imsida, liema *showroom* kien juża għan-negozju tiegħu ta' bejgħ ta' kċejjen u għamara u servizzi ta' *interior design*. In-negozju tal-intimat jismu *Proman Interiors*.

5. Xi ġimgħa wara, l-intimat reġa avviċina lir-rikorrenti sabiex jixtri mingħandha iżjed *aircondition units*. Fiż-żmien in kwistjoni Michael Scerri kien jieħu ħsieb il-bejgħ tal-prodotti tar-rikorrenti u kien hu stess illi nnegozja mal-intimat l-bejgħ tal-istess *units.* Peress illi l-intimat introduċa lilu nnifsu bħala esportatur ta' kwantità kbira ta' kċejjen lill-klijenti Libjani, Michael Scerri kien innegozja mal-intimat f'isem ir-rikorrenti biex ibiegħu l-*appliances*. Kienet hawn li bdiet ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet.

6. Il-ftehim bejn il-partijiet kien jikkonsisti (i) sia fil-bejgħ dirett ta' prodotti lill-intimat jew lill-klijenti tiegħu, (ii) u sia' fil-konsenja lill-intimat ta' *appliances/white goods* fuq bażi *on consignment* sabiex dawn jiġu esebiti fis-*showroom* tiegħu. Intlaħaq ftehim ta' sittin (60) jum bħala żmien ta' kreditu. Skond ix-xhud il-ftehim dwar xiri *on consignment* kien intlaħaq suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet fosthom illi l-*appliances* jinżammu f'kundizzjoni tajba, li ma' jistgħux jinbiegħu lil terzi mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti u li kull *appliance* li ma tinbiegħx tiġi rritornata lura fl-istess kundizzjoni li tkun ġiet ikkonsenjata. Il-ftehim ukoll kien illi mal-konsenja tal-*appliances* tinħareġ *delivery order* u fattura bil-kliem *on consignment* li juru l-valur tal-*appliances* mingħajr VAT u li dawn ikunu ġew riċevuti mill-intimat f'kundizzjoni tajba u sodisfaċenti. Żviluppat prassi illi malli l-intimat ikun irid ibiegħ xi *appliance on display*, tinħareġ *credit note* mir-rikorrenti għall-valur ta' dak l-*appliance* u imbagħad tinħareġ fattura oħra li tkun bil-VAT inkluż.

7. B'kollox il-kumpanija rikorrenti biegħet lill-intimat *on consignment* prodotti fl-ammont komplessiv ta' € 14,048.54 eskluż il-VAT. Fil-11 ta' Marzu 2014 l-intimat rritorna numru ta' *appliances* li kellhom il-valur komplessiv ta' €1,301.49 eskluż il-VAT.

8. Maż-żmien l-intimat waqaf iħallas lir-rikorrenti il-prezz ta' prodotti oħra li r-rikorrenti kienet qed tbiegħlu min żmien għal żmien (mhux *on consignment*) u dan għaliex beda jallega illi kien hemm ftehim bejnu u bejn Michael Scerri illi l-prezz tagħhom jiġi paċut max-xogħol ta' *interior design* li kien qed jagħmel l-intimat fil-villa tagħhom fil-Birguma. Ix-xhud insistiet fix-xhieda tagħha li qatt ma sar dan il-ftehim.

9. Wara diversi korrespondenza (inkluż ittri legali) u telefonati bejn il-partijiet f'Novembru 2018 il-ħaddiema tar-rikorrenti marru biex jiġbru l-*appliances* li kienu għand l-intimat *on consignment*. Inġabru numru minnhom li kienu jammontaw għal valur komplessiv ta' € 3,398.53 eskluż il-VAT.

10. Skond ix-xhud, il-bilanċ tal-ammont dovut lir-rikorrent għalhekk huwa dak ta' **€ 9,348.52** eskluż il-VAT (jew € 11,031.25 bil-VAT inkluż). Fl-affidavit tagħha x-xhud spjegat illi l-ammont mitlub fil-kawża għalhekk huwa dak ta' € 11,031.25 (inkluż il-VAT) u mhux l-ammont ta' € 12,567.04 li ġie erronjament indikat fir-rikors promotur.

11. In kontroeżami fix-xhieda tagħha tal-31 ta' Mejju 2021[7] **Doreen Scerri** iċċarat illi hija ma kienetx preżenti meta żewġha kien laħaq ftehim mal-intimat dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għal dawk il-prodotti li jinbiegħu lilu *on consignment*. Però sostniet illi dawk il-kundizzjonijiet kienu applikabbli għall-klijenti kollha tagħhom illi kellhom l-istess arranġament. Ikkonfermat illi żewġha kien *salesman* bl-inkarigu li jagħlaq negozju għan-nom tal-kumpanija però ċaħdet illi huwa kien jirrappreżenta lilu nnifsu bħala sid il-kumpanija u dan għaliex la huwa d-direttur u lanqas azzjonist fiha.

12. Meta ġiet rinfaċċjata bil-fattura datata 11 ta' Frar 2014 (enumerata 30376)[8] u mistoqsija 'l għala l-VAT kien inkluż fuq *appliance* li ġie mibjugħ lill-intimat *on consignment* ix-xhud wieġbet illi dan kien żball peress illi hija kienet mingħaliha li dan kien prodott mibjugħ direttament lill-intimat mentri żewġha stess kien ġibdilha l-attenzjoni illi fil-verità dan kien ġie mibjugħ lilu *on consignment.*

---

[7] Fol 82A – 82I
[8] Fol 42

13. Meta ġiet mistoqsija dwar 'l għala l-*credit notes* datati 11 ta' Marzu 2014 (għall-ammont ta' € 1,535.76) u 24 ta' Ottubru 2016 (għall-ammont ta' € 1,964.05) murija fuq il-prospett a fol 83-85 ġew imħollija barra minnha fl-i*spreadsheet* ippreżentata minnha a fol 60 tal-proċess hija wieġbet li ma setgħetx tgħid għaliex ma kelliex il-*file* quddiemha. Il-Qorti però rat illi tal-inqas l-ewwel *credit note* (ossia dik għall-ammont ta' € 1,535.76 (bil-VAT inkluż) ġiet filfatt indikat mix-xhud fid-dokument imsemmi.

14. Imbagħad meta ġiet rinfaċċjata bil-fatt illi hemm diskrepanza bejn l-ammont totali ta' *credit notes* li qalet fl-affidavit tagħha li nħarġu lill-intimat (għall-ammont ta' € 3,398.53) u l-ammont indikat minnha ta' € 4,934.19 f'*email* datata 6 ta' Diċembru 2018 mibgħuta lill-intimat (a fol 86) hija wieġbet li riedet tivverifika dan il-fatt.

15. Mistoqsija 'l għala fl-2018 meta l-kumpanija rikorrent marret tieħu lura xi *appliances* mis-*showroom* tal-intimata ma kienetx ħadet kollox, hija wieġbet illi ma ħadux lura dawk li kienu bid-daqqiet fuqhom.

16. Fl-affidavit tiegħu **Michael Scerri**[9] ikkonferma dak li qalet martu fl-*affidavit* tagħha dwar l-involviment tiegħu fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet. Huwa tenna illi n-negozju kien miexi tajjeb iżda wara xi ftit snin ir-relazzjoni sfaxxat peress illi kien inqala diżgwid dwar xogħolijiet li l-intimat kien ġie ikkummissjonat personalment mix-xhud sabiex jagħmel fil-villa tiegħu u ta' martu fil-Birguma. Skond ix-xhud ix-xogħol ma bediex jiġi eżegwit skond is-sengħa u l-arti u f'temp ta' ħames snin l-intimat qatt ma kien rnexxielu jlesti biċċa xogħol mill-bidu sal-aħħar minkejja li kien ingħata depożitu ta' € 45,000.

17. Inoltre l-intimat ma baqax iħallas lill-kumpanija u beda jġib diversi skużi biex ma jagħmilx hekk u fl-aħħar beda jallega ukoll illi kien hemm xi ftehim ta' tpaċija max-xogħol li kellu jagħmel fil-villa msemmija. Ix-xhud ċaħad kategorikament li qatt kien hemm xi ftehim ta' dan it-tip u apparti hekk insista illi l-kumpanija ma kellha x'taqsam xejn max-xogħolijiet in kwistjoni. In sostenn huwa esebixxa korrespondenza li għaddiet bejnu u l-intimat (a fol 66-70) permezz tal-posta elettronika. Fost dawn hemm l-*email* tal-21 ta' Awwissu 2017 mibgħuta mix-xhud lill-intimat fejn *inter alia* kien qallu dwar ix-xogħolijiet tal-appalt illi "ONCE AGAIN I

[9] Fol 63-65

ADVISE YOU TO KEEP THIS SEPARATE FROM JJ SCERRI COMPANY LIMITED". F'*email* oħra mibgħuta lil ħaddiem tal-intimat fis-17 ta' April 2018 qallu illi: *"the statement was sent to Mrs. Scerri who has nothing to do with the Birguma Project JJ SCERRI HOLDING LTD. Mrs. Scerri is the financial director of JJ Scerri Company Limited. It was made very clear to Mr.Mario Falzon that these are two totally differenti companies and NO TRANSACTIONS WHAT SO EVER ARE TO BE MIXED WITH ONE AN OTHER".*

18. Ix-xhud elabora ukoll fuq dak li kien ġara meta r-rikorrenti kienet bagħtet il-ħaddiema tagħha fl-2018 sabiex imorru jiġbru l-*appliances* mingħand l-intimat wara li dan kien baqa ma ħallasx. Skond ix-xhud dawn kienu mitfugħa bl-addoċċ, imissu ma' xulxin mingħajr support, mingħajr manwali, neqsin mill-aċċessorji tagħhom u mingħajr l-*packaging* tagħhom. Sabu ukoll oħrajn li kienu mibruxa u oħrajn li ma kienux tal-kumpanija rikorrenti fis-sens illi kienu nbiegħu direttament lill-intimat u mhux *on consignment*. Huwa esebixxa lista ta dawk l-*appliances* li ma kienux inġabru minħabba dawn ir-raġunijiet a fol 72 tal-proċess.

19. Fil-25 ta' Jannar 2021 xehed ukoll **Jean Scerri**, wieħed mid-diretturi u azzjonisti tar-rikorrenti, li kkonferma bil-ġurament l-*affidavits* tal-ġenituri tiegħu, Doreen u Michael Scerri.[10]

20. Fl-affidavit tiegħu[11], l-intimat **Mario Falzon** spjega illi f'Marzu 2023 kien mar fis-*showroom* tiegħu fl-Imsida Michael Scerri li qallu illi hu u martu bħala l-proprjetarji ta' villa ġewwa l-Birguma, liema villa kienet fi stat ta' ġebel u saqaf, xtaqu lil xi ħadd ilestilha l-*finishes.* Michael Scerri ppreżenta ruħu bħala direttur u sid il-kumpanija rikorrenti. L-intimat min-naħa tiegħu wera interess li jibda jixtri l-*appliances* mill-kumpanija rikorrenti. Intlaħaq ftehim illi l-intimat jingħata t-*turnkey project* tal-villa u hu jordna l-*appliances* mingħand ir-rikorrenti b'dan illi l-kontijiet tal-appalt jiġu paċuti mal-kontijiet tal-*appliances*. Skond l-intimat huma bdew iħaddmu din is-sistema u filfatt laħqu skambjaw riċevuti rispettivi fl-istess ammont. L-intimat spjega illi l-kawża titratta biss dik il-parti tan-negozju li kien tinvolvi li jieħu l-*appliances on consignment* mir-rikorrenti. L-arranġament kien illi tali *appliances* jibqgħu *on display* fis-*showroom* tiegħu u jibqgħu proprjeta' tar-rikorrenti sakemm

[10] Fol 79-80
[11] Fol 90-103

jew jinxtraw minn terzi (meta allura l-intimat iħallas il-prezz lir-rikorrenti) jew fin-nuqqas jiġu rritornati lura lir-rikorrenti.

21. Skond l-intimat huwa rċieva mingħand ir-rikorrenti *appliances on consignment* fil-valur totali ta' € 14,118.08 (inkluż il-VAT). In sostenn huwa ċċita il-prospett li r-rikorrenti bagħtitlu fil-31 ta' Jannar 2018[12] li juri dawk l-oġġetti li kienu *on consignment* u juri l-*credit note* tal-11 ta' Marzu 2014 (fl-ammont ta' € 1,535.76c bil-VAT inkluż). Allura skond l-intimat il-bilanċ dak iż-żmien kien dak ta' <u>€ 12,582.32</u> (u mhux € 12,747.05 eskluż il-VAT kif ikkalkulat Doreen Scerri fid-dokument tagħha a fol 60, i.e. l-ammont ta' € 14,048.54 nieqes il-*credit note* ta' € 1,301.49).

22. L-intimat kompla jispjega fl-*affidavit* tiegħu illi fil-bidu ta' Novembru 2018 huwa talab lir-rikorrenti tmur tiġbor l-*appliances* li kienu għadhom fis-*showroom* tiegħu fuq bażi *on consignment* u filfatt ftit wara inġabru *appliances* fil-valur komplessiv ta' € 4,934.29 kif evidenzjat mill-*email* ta' Doreen Scerri esebita a fol 94. Skond l-intimat pero' r-rikorrenti ma tatux spjegazzjoni 'l għala l-ħaddiema tagħha ma kienux ġabru l-*appliances* l-oħra li kellu *on consignment* fis-*showroom* tiegħu li skond hu b'kollox kellhom il-valur ta' € 3,439.08. Meta fl-4 ta' Lulju 2020 l-avukat tiegħu interpella lir-rikorrenti sabiex tieħu lura dawn l-*appliances* (fol 95), ir-rikorrenti wieġbet permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 2020 illi kien hu stess illi għażel li jżomm dawn l-*appliances*, xi ħaġa li l-intimat jinnega u jgħid li jikkontradixxi dak li qed tgħid r-rikorrenti f'din il-kawża u ċioe illi dawk l-*appliances* ma nġabrux peress illi kienu bil-brix u mingħajr *packaging*. In sostenn ta' dan l-intimat esebixxa ritratti ta' dawn l-*appliances* a fol 97-103. Skond l-intimat għalhekk il-bilanċ veru dovut lir-rikorrenti huwa dak ta' **<u>€ 4,208.95</u>**. Qal ukoll illi **<u>Michael u Doreen Scerri</u>** għad baqalhom iħallsuh xi € 61,000.

23. In kontroeżami fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2022[13] l-intimat **<u>Mario Falzon</u>** reġa' insista illi Michael Scerri kien ippreżenta lilu nnifsu bħala direttur u sid tal-kumpanija rikorrenti u li hu kien qagħad fuq il-kelma tiegħu. Ikkonferma l-ftehim dwar tpaċija u qal illi dan kien sar bil-fomm u mhux bil-kitba. Dwar l-*emails* esebiti minn Michael Scerri li juru l-intenzjoni ta' dan illi x-xogħol tal-appalt jinżamm separat mill-prodotti mibjugħa mill-kumpanija, huwa qal illi dan ġieli kien jgħidlu mod u jagħmel mod ieħor u fi kwalunkwe każ dawn l-*emails* bdew fl-2018 meta kien

[12] Fol 83-85
[13] Fol 116A-116O

ġa beda d-diżgwid ta' bejniethom. Huwa spjega ukoll illi s-sistema ta' tpaċija bdiet meta hu beda jwettaq ix-xogħolijiet fil-villa u li sakemm beda jagħti s-servizzi tiegħu huwa kien iħallas lir-rikorrenti għall-ammonti dovuti.

24. Qal ukoll illi għandu prospetti li kien jirċievi kull l-aħħar tax-xahar li juru li fil-fatt kienu bdew iħaddmu din is-sistema ta' tpaċija u li ukoll skambjaw ċekkijiet bl-istess data u rċevuti.

25. Huwa xehed illi fuq il-prospetti li kien jirċievi mir-rikorrenti kien ikun hemm kemm l-ammonti ta' dawk li ġew mogħtija lilu *on consignment* u li peress illi kienu jkunu fl-istess *statements* ma ammonti oħra li jinkludu l-VAT, allura huwa kien qed jassumi li tali ammonti ukoll kienu bil-VAT inkluż.

26. Huwa kkonferma illi l-prodotti murija fil-fatturi fol 26-49 huma dawk li rċieva mir-rikorrenti *on consignment* iżda ċaħad li rċieva l-*credit notes* a fol 52-59 tal-proċess wara li l-ħaddiema tar-rikorrenti kienu marru jiġbru l-*appliances* mingħandu f'Novembru 2018. Huwa ma kienx preżenti dakinhar li ġew miġbura. Spjega illi kull ma rċieva mingħand Doreen Scerri kien l-*email* tas-6 ta' Diċembru 2018 (a fol 86) fejn din fost affarijiet oħra qaltlu illi l-bilanċ dovut minnu għall-prodotti *on consignment* li biegħ mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti kien ta' € 11,265.63 . Qal illi l-fatturi u l-*credit notes* imsemmija fl-*email* lanqas ma kienu annessi mal-istess *email*. L-intimat ċaħad illi fit-23 ta' Novembru 2018 kien avviċinah Michael Scerri sabiex jispjegalu 'l għala numru ta' *appliances* ma kienux inġabru mir-rikorrenti u ċioe għaliex dawn kienu bil-ħsara. Qal ukoll illi għall-*email* ta' Doreen Scerri tas-6 ta' Diċembru 2018 l-avukat tiegħu kien irrisponda permezz tal-ittra tal-4 ta' Lulju 2020[14] sabiex jiġbru l-kumplament tal-*appliances*.

27. L-intimat qal ukoll illi l-*appliances* li kienu mogħtija lilu *on consignment* kienu jiġu esebiti fis-*showroom* tiegħu mal-kċejjen stess u insista illi meta dawn kienu ġew ikkonsenjati lilu kienu diġà qegħdin esebiti fis-*showroom* tar-rikorrenti. Huwa kkalkula li kien baqa' x'jinġabru żewġ *in-built fridges* iżda nnega illi ma ppreżentax ritratti tagħhom (flimkien mal-bqija tal-*appliances* li għadhom fil-pussess tiegħu a fol 97-103) għaliex dawn kienu sofrew xi ħsarat. B'żieda ma dan ippreċiża illi fil-fatt dawn kienu diġà ġew danneġġjati meta r-rikorrenti qalgħathom minn *built in units*

[14] Fol 95

tagħha sabiex tikkonsenjahom lill-intimata. Ikkonferma ukoll illi r-ritratt a fol 103 juri wieħed minn dawn l-*in-built fridges.*

28. In kontroeżami fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022[15] **Mario Falzon** reġa' kkonferma numru ta' affarijiet li kien diġà xehed fuqhom preċedentement. Dwar is-sistema ta' tpaċija allegata minnu huwa stqarr hekk:

> *"Issa, ghala hemm is-sens ta` tpacija, ghax inti minn dawn l-appliances diga hadtu amont kbir minnhom, tajjeb? Li suppost ghandkom tohorgu credit note li ghandi sa llum ghada ma waslitx. Tajjeb? Hemm, id-differenza li ghad hemm hemm li ghadna kemm ghamilna rapport hemm u prezentajna anke ritratti li ghadhom f` kundizzjoni tajba li tistu tigu tigbruhom. Id-differenza li jifdal kella ssir credit note kif spjegajt inti u, u … Scerri, u tmur fuq il-kont nghidulu ahna normali, li huwa due. Li fuq dak il-kont hemm tpacija. Hemm tpacija li ma saritx darba. Tpacija li hemm skambjament ta` rcevutti u pagamenti ta` differenza ta` … "*

L-intimat ikkonferma ukoll il-qbil tiegħu mas-segwenti kliem imlissna mill-avukat difensur tar-rikorrenti:

> *"n-negozju kien f` dan is-sens; inti tiehu prodotti ta` JJ Scerri company limited, titfahom on display fi showroom tieghek. Dak il-perjodu li jkunu on display fix-showroom tieghek jibqaw propjeta ta` JJ Scerri company Limited... U kif appena tbieghu, jkun hemm xi hadd interesat li jixtrih, inti tinforma lil JJ Scerri company limited li sibt il-biegh ta` dan l-appliances... U kif appena jinbiegh umbad tigi charged inti mill- invoice, minn JJ Scerri company limited... Meta jsir il-biegh trid thallas lil JJ Scerri company limited mhux qabel"*

29. Ix-xhud l-ieħor prodott mill-intimat kien l-Inġinier **Renzo Curmi** li fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022 spjega illi huwa kien ġie ingaġġat minnu sabiex jittestja numru ta' *appliances* fis-*showroom* tiegħu. Huwa kkonferma r-rapport tiegħu esebit fol 106-114 tal-proċess iżda esebixxa kopja oħra aġġornata a fol 1171-126. Huwa spjega d-differenza bejn dawn iż-żewġ rapporti u ċioe illi fl-ittestjar li sar inizjalment kienu ġew użati *guidelines* magħrufha bħala *IET Code of Practice* li kienu però ġew sostitwiti b'*guidelines* aġġornati. Kien għalhekk illi filwaqt li fl-ewwel verżjoni tar-rapport l-ittestjar tal-*fridge* kien ta riżultat ta' "*fail*" fil-verżjoni aġġornata l-ittestjar kien ta riżultat ta' *"pass"*. Ix-xhud ikkonferma illi l-*appliances* kollha kienu f'kundizzjoni tajba ta' operat. Ippreċiża ukoll illi l-*visual tests* li saru tal-*appliances*

[15] Fol 126A-126M

kienu jikkonċernaw affarijiet li jidhru minn barra u li għandhom x'jaqsmu mas-sigurta jew mas-sistema tal-elettriku. Huwa għalhekk ma ħax in konsiderazzjoni jekk fl-*appliances* kienx hemm brix jew daqqiet diment illi dawn ma kienux ser jaffettaw l-integrita' u l-funzjoni tagħhom. Ikkonferma ukoll illi ma kienetx parti mill-*brief* tiegħu illi jidentifika l-*appliances* ittestjati minnu.

**Kunsiderazzjonijiet**

*Tpaċija*

30. It-tpaċija ossia' kompensazzjoni legali hija dik li tirriżulta mill-artikoli 1196 u 1197 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **1196. (1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.**
>
> **(2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.**
>
> **1197. (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.**
>
> **(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.**

31. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Howard Whitton et. v. June Laferla</u>** (Rik Nru. 967/08 TA, 07/07/2017):

> *"12. Illi t-tpacija tista' titqies bala hlas reciproku li jitfi z-zewg obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpacija ssehh sal-ammont tal-anqas wiehed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun icken.*
>
> *13. Illi l-ligi taghna taghraf zewg ghamliet ta' tpacija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqghodx ghar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista' ssehh it-tpacija jehtieg jintwera li (a) jkun hemm zewgt idjun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin, (c) li jkunu omogenji (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantita`; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu."*

32. L-intimat *in primis* qed jeċepixxi li kwalunkwe ammont li huwa dovut jagħti lir-rikorrenti, li skond hu huwa dak ta' € 4,208.95 (jekk ir-rikorrenti tieħu lura l-*appliances* li għandu fis-*showroom*), għandu jkun paċut ma' *"ammont ekwivalenti għal xogħol ta' appalt (internal and external finishings) li l-istess intimat ġie ingaġġat iwettaq fil-villa ta' Michael Scerri u martu Doreen Scerri ġewwa l-Birguma."*

33. Kif inhuwa magħruf it-tpaċija huwa mod ta' kif obbligazzjoni tista' tiġi estinta, bħal ma huma l-pagament u n-novazzjoni, u bħala tali trid għalhekk tiġi ppruvata minn min jallegaha.

34. Issa l-intimat qed jallega li fil-bidu nett tar-relazzjoni kummerċjali li nibtet mal-kumpanija rikorrenti, Michael Scerri li jiġi r-raġel ta' waħda mid-diretturi u l-azzjonista maġġoritarja tal-kumpanija rikorrenti (i.e. Doreen Scerri) ippreżenta ruħu bħala direttur u proprjetarju tal-kumpanija u laħaq ftehim miegħu sabiex l-bilanċ li jkun dovut għax-xiri ta' *appliances* (kemm dawk li jinxtraw direttament u kemm dawk li jinxtraw b'mod tardiv wara li jkunu ġew ikkonsenjati *on consignment*) jiġi paċut mal-ammonti dovuti lill-intimat għal xogħolijiet ta' *finishes* li qabbduh jagħmel Michael u Doreen Scerri fil-villa tagħhom fil-Birguma. Kemm Michael u kemm Doreen Scerri jiċħdu li qatt kien hemm xi ftehim ta' din in-natura, ossia ftehim ta' tpaċija konvenzjonali.

35. In sostenn tal-allegazzjoni tiegħu l-intimat jgħid illi:

    1. għandu fil-pussess tiegħu *email* mibgħuta mir-rikorrenti li turi illi mill-kont kurrenti hija kienet naqqset ammont li kien dovut lill-intimat bħala depożitu għax-xogħolijiet tiegħu fil-villa. Din l-*email* baqgħet **<u>ma ġiet qatt esebita</u>** fl-atti.

    2. fil-bidu, peress illi ma kienx hemm kontijiet min-naħa tiegħu, huwa kien dejjem iħallas lir-rikorrenti peress illi l-bilanċ kien ikun favur il-kumpanija. Huwa qal illi *"meta jiftlilna konna niltaqu u naraw il-kontijiet u l-bilanci jkunu li jien ghandi nhallas..."* Skond hu l-problemi bdew meta beda jeżegwixxi x-xogħolijiet li ġie mqabbad jagħmel, beda jitilgħu l-ammonti dovuti lilu u eventwalment il-bilanċ beda ikun favurih: "*Taqta kemm ghandi ntiha, taqta li ghandi nihu minn ghandu u nhallas id-differenza. Meta hi giet il-kumpanija ghanda tghati lili, hemm hekk inqalu l-problemi.*"

3. qal ukoll illi **<u>Michael u Doreen Scerri</u>** għad baqalhom iħallsuh xi € 61,000 għax-xogħolijiet li wettaq. Però l-Qorti tqis li **<u>ma esebixxa l-ebda fattura jew prospett</u>** li turi l-kontijiet li allegatament ħareġ għax-xogħolijiet li allegatament wettaq.

4. fir-rigward tal-korrespondenza esebita minn Michael Scerri li turi l-intenzjoni ta' dan illi l-kontijiet għax-xogħolijiet fil-villa jinżammu separat mill-ammonti dovuti lill-kumpanija, l-intimat qal illi Michael Scerri kien jgħid ħaġa u jagħmel oħra u li l-korrespondenza bdiet fl-2018 meta kien diġà feġġ diżgwid bejn il-partijiet. Hawnhekk il-Qorti tirrileva illi filwaqt li huwa minnu li xi korrespondenza tidher li ntbagħtet fi żmien meta r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet diġà sfaxxat, madanakollu mhux l-istess jingħad għall-*email* li Michael Scerri bagħat lill-intimat fil-**<u>21 ta' Awwissu 2017</u>**[16] fejn fiha kien qallu: *"...Please bring with you all the quotes, bills and receipts together with any agreements you did with the agencies/workers etc that you appointed to carry out the works...<u>Once again I advise you to keep this separate from JJ Scerri Company Limited</u>"* Din l-*email* ġiet imwieġba mill-intimat u ma ġietx innegata minnu.

36. Il-Qorti tikkunsidra illi ma tressqet l-ebda prova, imqar minima, ta dan l-allegat ftehim ta' tpaċija. Min-naħa l-oħra hemm kollox x'juri illi tali ftehim ma seta' qatt ikun fis-seħħ billi:

1. jekk *gratia argomenti* kien hemm xi ftehim ta' dik ix-xorta, dan ma' kienx bejn il-kumpanija rikorrenti u l-intimat iżda jekk xejn bejn Michael Scerri u l-intimat. Dan qed jingħad għaliex Michael Scerri la kien direttur tal-kumpanija rikorrenti u lanqas kien aġent b'xi setgħa illi jorbot lill-kumpanija b'ftehim ta' dik ix-xorta. Minkejja l-allegazzjonijiet tal-intimat, l-unika poter li jidher li kellu Michael Scerri kien dak illi jinnegozja l-bejgħ tal-prodotti tal-istess kumpanija;

2. ma hemmx prova tal-ammont allegatament dovut lill-intimat ta' € 61,000 għax-xogħolijiet li jgħid li wettaq fil-villa ta' Michael u Doreen Scerri.

---

[16] Fol 68

3. fi kwalunkwe każ skond Michael Scerri x-xogħolijiet li saru mill-intimat ma ġewx eżegwit skond is-sengħa u l-arti mentri skond l-intimat l-ammont rikjest mir-rikorrenti m'huwiex dovut *in toto*. Dan ifisser għalhekk li ċertament iż-żewġ djun, *dato ma non concesso* li jeżistu bejn il-kontendenti, huma kontestati u bħala tali ma' jistgħu qatt ikunu suġġetti għal tpaċija.

4. Għalhekk m'huwiex il-każ li bejn il-partijiet jeżistu **żewġt** idjun fi żmien wieħed li huma likwidi.

37. Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad l-eċċezzjoni ta' tpaċija sollevata mill-intimat.

*Bejgħ on consignment*

38. Hemm qbil bejn il-kontendenti illi din il-kawża tikkonċerna biss dawk l-ammonti allegatament dovuti lir-rikorrenti mill-intimat għall-*appliances* mibjugħa lilu *on consignment*. Li ma jaqblux il-partijiet bejniethom huwa illi kienu ġew miftehma xi kundizzjonijiet partikolari f'dan ir-rigward. Skond Doreen Scerri il-ftehim *inter alia* suġġett għall-kundizzjon illi l-*appliances* jinżammu f'kundizzjoni tajba, li ma' jistgħux jinbiegħu lil terzi mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti, li kull *appliance* li ma tinbiegħx tiġi rritornata lura fl-istess kundizzjoni li tkun ġiet ikkonsenjata u li mal-konsenja tal-*appliances* tinħareġ *delivery order* u fattura bil-kliem *on consignment* li juru l-valur tal-*appliances* mingħajr VAT u li dawn ikunu ġew riċevuti mill-intimat f'kundizzjoni tajba u sodisfaċenti. In kontroeżami però ammettiet li hi ma kienetx preżenti meta żewġha ftiehem dawn il-kundizzjonijiet u li tali kundizzjonijiet kienu applikabbli għall-klijenti kollha tal-kumpanija. Min-naħa tiegħu l-intimat jisħaq illi ma kienux ftehmu fuq xi kundizzjonijiet partikolari għajr illi l-*appliances* jibqgħu *on display* fis-*showroom* tiegħu u jibqgħu proprjeta' tar-rikorrenti sakemm jew jinxtraw minn terzi (meta allura l-intimat iħallas il-prezz lir-rikorrenti) jew fin-nuqqas jiġu rritornati lura lir-rikorrenti.

39. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: **Lt. Col. Gustav Caruana pro et noe v. Air Supplies & Catering Co. Ltd** (App Nru. 1162/2003/1, 27/05/2005):

> *"Il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttostta' kummissjoni." Dan ghaliex il-parti li tircevi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik merkanzija bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss minn natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk*

> *mibjugha. Il-parti li tircevi l-merkanzija "on consignment" hija ghalhekk il-kustodja ossia depozitarja ta' dik il-merkanzija ...”*

40. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet: **Anthony Ruggier noe. v. Francis Refalo** (Vol. 49E (1965) Pt. 3, P. 1128, 18/02/1965) ingħad illi:

> *“Il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun mbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma mbieghetx.”*

41. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joanna Briffa v. Bernard Gauci et.** (App. Nru. 1192/2003/1 PS, 22/06/2005) il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet illi:

> *“meta jkun hemm bejgh fuq bazi ta’ konsenja, jekk l-oggett ma jinbieghx ma jkun irid jithallas xejn... l-kreditur ghandu dritt jitlob mhux il-prezz tal-merkanzija kollha konsenjata, imma l-prezz tal-merkanzija li tkun inbieghet, u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx. Illi ghalhekk trid issir prova li xi merkanzija nbieghet.*
>
> *L-attrici ssostni illi stante li ghadda hafna zmien minn meta l-merkanzija giet konsenjata lill-konvenuti allura hija ntitolata li tiehu l-prezz ta’ l-oggetti. It-Tribunal jinnota illi meta l-attrici kkonsenjat l-affarijiet lill-konvenuti hija kienet taf li f’dak il-mument kienu bi hsiebhom jemigraw lejn l-Amerika u inoltre m’hemm l-ebda decizjoni ta’ Qorti li gie stipulat zmien li fih kellhom jigu mibjugha l-oggetti u fin-nuqqas ta’ dan jew li jigu ritornati jew inkella li l-konvenuti jhallsu l-prezz relattiv.*
> *Il-partijiet ma kienux ftiehmu zmien bejniethom fil-bidunett u konsegwentement ma jistax jinghad illi kien hemm xi bidla fir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet minn dik li sehhet bejniethom originarjament... Illi stante li jirrizulta lit-Tribunal li ma kienx hemm bejgh ta’ l-oggetti, l-uniku obbligu li kellhom il-konvenuti kien li jirritornaw l-oggetti lill-attrici. Effettivament dawn gew offruti u wara li l-attrici rrifjutathom, dawn gew iddepozitati l-Qorti u kopja tac-Cedola tinsab esebita fl-atti. Illi ghalhekk il-konvenuti ssodisfaw l-obbligazzjonijiet taghhom.”*

42. Għalhekk fir-rigward ta’ dawk l-*appliances* proprjeta’ tar-rikorrenti li jinsabu fil-pussess tal-intimata, l-Qorti ma tistax takkorda t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tal-prezz tagħhom għaliex jekk tagħmel hekk tkun qed tmur kontra l-ispirtu tal-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti u ċioe’ wieħed ta’ bejgħ *on consignment*.

43. Fir-rikors promotur r-rikorrenti tgħid illi l-ammont mitlub jirrappreżenta l-prezz tal-*appliances* mgħoddija *on consignment* lill-intimat u li **ġew mibjugħa** lil terzi. Fil-kawża però l-posizzjoni tar-rikorrenti kienet kemxejn differenti:

1. Fl-affidavit tagħha Doreen Scerri qalet biss illi f'Novembru 2008 il-ħaddiema tar-rikorrenti marru jiġbru *appliances* mis-*showroom* tal-intimat, nħarġu tmien (8) *credit notes* għall-ammont komplessiv ta' €3,398.53 u li "*fadal bilanc ta'* ***€9,348.52****, VAT eskluz, ta' prodotti mibjugha ... u li ahna ma hadnix pussess taghhom lura u li allura ghadhom pendenti u dovuti lill-Kumpanija*". Fl-affidavit ma spjegatx ir-raġuni 'l għala l-kumpanija ma ħaditx pussess ta' dawn l-*appliances.* In kontroeżami meta ġiet mistoqsija 'l għala l-ħaddiema tar-rikorrenti ma kienux ġabru l-*appliances* kollha hija wieġbet illi ma ħadux lura dawk li ma kienux tagħhom **u dawk li kienu tagħhom imma li kienu bid-daqqiet fuqhom.** Ta' rilevanza hija li x-xhud ma qalitx illi l-ħaddiema tar-rikorrenti ma setgħux isibu xi *appliances* minn tal-kumpanija.

2. Michael Scerri qal illi l-*appliances* fis-*showroom* tal-intimat kienu mitfugħa bl-addoċċ, imissu ma' xulxin mingħajr support, mingħajr manwali, neqsin mill-aċċessorji tagħhom u mingħajr l-*packaging* tagħhom. Sabu ukoll oħrajn li kienu mibruxa u oħrajn li ma kienux tal-kumpanija rikorrenti fis-sens illi kienu nbiegħu direttament lill-intimat u mhux *on consignment*. Anke dan ix-xhud ma qalx illi l-ħaddiema ma' setgħux isibu xi *appliances* li kienu proprjeta' tagħha (għajr għal oġġett wieħed li ser jissemma ftit iktar 'l isfel).

3. Il-Qorti rat ukoll illi fl-*email* mibgħuta minn Doreen Scerri lill-intimat a fol 86 hemm indikat illi: ma nġabrux *appliances* fl-ammont totali ta' €11,265.64 (VAT inkluż) liema *appliances* kienu *"sold without our consent",* filwaqt li fl-ittra li Jacques Scerri bagħat lill-intimat fil-21 ta' Lulju 2020 (a fol 96) hemm imniżżel illi *"inti unilateralment għażilt illi żżomm l-appliances kollha l-oħra li però qatt ma ħallast għalihom u li jiffurmaw parti mill-mertu tal-kawża."*

44. Min-naħa tiegħu l-intimat jgħid fir-risposta għar-rikors promotur illi fis-*showroom* tiegħu għad baqa' x'jinġabru *appliances* li l-valur komplessiv tagħhom huwa ta' € 3.439.08 (vat inkluż) u ċioe:

i. 2 x HBOB (valur €280).
ii. Forn u Microwave Simplicity u HOB (Valur € 1,698.47c).

iii. Built-in Refrigerator (Valur €461.29c).
iv. Built-in Refrigerator (Valur €544.32c).
v. HOB Gorenje stainless steel (Valur € 155).
vi. Oven Gorenje (Valur €300)

Ta' rilevanza hija illi l-intimat ma jgħidx li **ma hemmx *appliances*** oħra illi laħqu nbiegħu u li allura l-prezz tagħhom huwa dovut lir-rikorrenti. Jagħti biss elenku ta' dawk l-*appliances* li jgħid li għadhom fil-pussess tiegħu. Filfatt fl-affidavit tiegħu stess huwa jnaqqas il-valur tal-*appliances* li għandu fil-pussess tiegħu mill-bilanċ ta' € 7,648.03 li jfisser illi qed jaċċetta illi l-kumplament tal-bilanċ, ossia dak kalkolat minnu bħala € 4,208.95, verament jirrappreżenta l-valur tal-*appliances* mibjugħa lilu *on consignment* u li ma ġewx ritornati lura lir-rikorrenti għaliex inbiegħu lil terzi.

45. Kollox ma' kollox il-Qorti hija propensa temmen illi dak illi ġara kien illi (i) ir-rikorrenti ma' ġabritx numru konsiderevoli ta' *appliances* għaliex dawn ma' setgħux jinstabu, u (ii) dawk li kienu tagħha u nstabu ma nġabrux għaliex kien fihom daqqiet jew kienu mibruxa. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, għar-raġunijiet ġia msemmija r-rikorrenti m'għandiex dritt li tirrifjuta l-ġbir lura tagħhom u titlob il-prezz tagħhom. Semmai hija tista' tkun intitolata għad-danni wara li titlob ir-restituzzjoni tal-oġġetti u ssib illi dawn ġarrbu ħsara jew ddeterjoraw bi ħtija tal-intimat

46. Il-kompitu tal-Qorti għalhekk huwa li tindividwa dawk l-*appliances* proprjeta' tar-rikorrenti li għadhom fil-pussess tal-intimat u li allura jistgħu jinġabru lura.

47. Il-Qorti madanakollu tara li hemm nuqqas serju ta' identifikazzjoni ta' dawk l-*appliances* li skond l-intimat ma nġabrux mir-rikorrenti. Kien jinkombi fuq l-intimat illi darba aċċetta[17] li l-*appliances* kollha li huma elenkati f'Dok DS1 – DS 11[18] huma dawk li ġew mgħoddija lilu *on consignment* matul ir-relazzjoni kummerċjali mar-rikorrenti, allura jġib prova billi jidentifika b'mod preċiż dawk l-*appliances* minn Dok DS1-DS11 illi għadhom fil-pussess tiegħu u idejalment ukoll jiddepożitahom b'ċedola fir-Reġistru tal-Qorti sabiex jipprotesta n-nuqqas ta' aċċettazzjoni tagħhom mir-rikorrenti. Mill-lista ġenerika indikata fir-risposta u fl-affidavit tal-intimat il-Qorti tista', mhux bi ftit diffikultà, tidentifika biss oġġett wieħed illi jista' jingħad fuq bilanċ ta' probabiltajiet illi tabilħaqq jappartjeni lir-rikorrenti. Hawnhekk il-Qorti

[17] Fol 115F
[18] Fol 26-49

qed tirreferi għall-*Built-in Refrigerator* ta' valur ta' € 461.29 (eskluż il-VAT u mhux inkluż il-VAT kif allegat mill-intimat) li jikkombaċa mal-prodott *Gorenje B/I combi Ref (Model RKI4256W)* immarkat bħala numru 42 fil-lista DS22 a fol 62.

48. Lanqas ma saret xi forma ta' identifikazzjoni mill-Inġinier Renzo Curmi ta' dawk l-*appliances* li wettaq l-*ittestjar* fuqhom.

49. Kien ikun aktar għaqli għall-intimat li tenut kont in-natura tan-negozju jieħu ħsieb li l-*appliances* li jirċievi mir-rikorrent matul is-snin u ċ-ċaqliq tagħhom (kemm jekk jinbiegħu lil terzi u kemm jekk jiġu rritornati lura lir-rikorrenti) jiġu debitament reġistrati u dokumentati b'manjiera idoneja sabiex jiġu evitati ekwivoċi ta' x' *appliances* għadhom fil-pussess tiegħu u x'fadal pendenti. Fil-każ odjern, it-teżi fornita mill-intimat hija bbażata merament fuq provi fjakki li mhumiex effettivi u ma' jaġovelawx il-linja difensjonali tiegħu.

50. Għalhekk il-Qorti sejra tqis illi mill-*appliances* kollha li ma ġewx irritornati lura lir-rikorrenti kif indikati f'Dok DS22[19], huwa biss il-prodott *Gorenje B/I combi Ref (Model RKI4256W)* li għandu jiġi rritornat lura lir-rikorrenti minflok ma l-prezz tiegħu jitħallas lilha. L-ammont ta' € 461.29 (li bil-VAT jiġi € 544.32) jrid għaldaqstant jitnaqqas mill-bilanċ (li huwa kkalkolat bil-VAT inkluż) dovut lir-rikorrenti.

51. Għajr għat-tnaqqis imsemmi, mill-bilanċ ta' € 11,031.25 ikkalkolat fid-dokument DS21[20] (li allura issa jammonta għal **<u>€ 10,486.93</u>** bil-VAT inkluż) il-Qorti ma tirriskontra xejn li jdgħajjef il-kalkoli tar-rikorrenti. Anzi, ħarsa fid-dettal tal-valur tal-*appliances* li huma elenkati f'Dok DS21 kif jidhru fil-fatturi oriġinali u anke fil-prospett a fol 83-85 turi li jekk xejn l-ammont għandu ikun ftit iżjed minn dak kalkolat mir-rikorrenti.

52. Hija korretta ukoll ir-rikorrenti li titlob il-VAT fuq il-prezz oriġinali tal-*appliances* stante illi dawk li m'hemmx prova li jinsabu fil-pussess tal-intimat għandhom jiġu meqjusa li nbiegħu lil terzi.

*Id-differenza bejn l-ammont dovut u l-ammont mitlub fir-rikors promotur*

---

[19] Fol 61-62
[20] Fol 60

53. Matul ix-xhieda ħareġ b'mod ċar illi inizjalment kien hemm żball fil-konteġġi tar-rikorrenti billi fir-rikors promotur hija talbet is-somma ta' **€ 12,567.04** mentri *ex admissis* hija filfatt qed titlob l-ammont ta' **€ 11,031.25.** Il-Qorti però kienet tistenna illi f'xi ħin jew ieħor matul il-kors tal-kawża r-rikorrenti tippreżenta nota ta' riduzzjoni li permezz tagħha formalment tnaqqas l-ammont mitlub għall-ammont korrett. Ir-riduzzjoni fis-sorte ġġib l-estinzjoni tal-azzjoni riferibilment għall-ammont li jkun ġie mnaqqas u bħala tali għalhekk kellha ssir b'nota ai termini tal-Art. 906(1) tal-Kap. 12. Żgur li ma kelliex titħalla għall-aħħar u ssir *en passant* fin-nota ta' sottomissjonijiet finali iżjed u iżjed meta l-Qorti tara ukoll illi s-somma mitlub fl-istess nota hija filfatt ukoll waħda skorretta (i.e. ġie mitlub l-ammont ta' € 11,301.25 minflok € 11,031.25).

54. Il-Qorti għalhekk sejra tieħu dan in-nuqqas proċedurali in konsiderazzjoni fil-kap tal-ispejjeż.

**Deċiżjoni**

55. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat (salv is-suespost) u tilqa' *in parte* t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti, qegħda tiddisponi mill-kawża billi:**

1. **tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' għaxart elef erba' mija sitta u tmenin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€ 10,486.93) bil-VAT inkluż rappreżentanti l-prezz ta' *appliances* mibjugħa u kkonsenjati lilu *on consignment* liema *appliances* m'għadhomx fil-pussess tal-istess intimat u għalhekk għandhom jiġu meqjusa li ġew mibjugħa,**
2. **tordna lill-intimat iħallas dan l-ammont lir-rikorrenti flimkien mal-imgħax fuq l-ammont imsemmi dekoribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-effettiv pagament,**
3. **tordna ukoll lill-intimat jirritorna lura lir-rikorrenti l-*in-built refrigerator* deskritta aħjar bħala *Gorenje B/I combi Ref (Model RKI4256W)*[21] .**

**Fir-rigward tal-ispejjeż, dawn għandhom jitħallsu kif ġej:**

---

[21] immarkat bħala numru 42 fil-lista DS22 a fol 62

- **It-talba għall-ispejjeż tal-ittra uffiċjali u tal-mandat kawtelatorju qed tiġi miċħuda stante illi ma tressqitx prova tagħhom fil-kawża;**
- **L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssopportati, kwantu għal 83% tal-ammont totali mill-intimat u kwantu għal 17% mill-kumpanija rikorrenti.**

V.G. Axiak
Maġistrat

Y.M. Pace
Dep. Reġistratur